KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-2 ta’ Diċembru 2021[1]

**Kawża C-410/20**

**Banco Santander, SA**
**vs**
**J.A.C.,**
**M.C.P.R.**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de A Coruña (il-Qorti Provinċjali ta’ A Coruña, Spanja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2014/59/UE – Irkupru u riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu – Akkwist ta’ azzjonijiet – Proċedura ta’ riżoluzzjoni – Direttiva 2003/71/KE – Informazzjoni żbaljata tal-prospett tal-ħruġ tal-azzjonijiet – Azzjoni intiża għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt ta’ akkwist ta’ azzjonijiet – Żball fil-kunsens – Talba mressqa kontra s-suċċessur universali tal-istituzzjoni ta’ kreditu”

## I. Introduzzjoni

1. B’reazzjoni għall-falliment tal-bank Lehman Brothers fl-2008 u l-kriżi finanzjarja li segwiet, l-Unjoni Ewropea kellha l-għan li tasal għal ġestjoni ordnata tal-kriżijiet bankarji. Hija stabbilixxiet żewġ strumenti b’mod parallel: minn naħa, kuntest komuni ta’ riżoluzzjoni għall-Istati Membri kollha tagħha[2] u, min-naħa l-oħra, mekkaniżmu uniku ta’ riżoluzzjoni speċifiku u integrat għaż-żona tal-euro, fil-kuntest tal-unjoni bankarja[3].

2. L-għanijiet segwiti mir-riżoluzzjoni bankarja huma komuni għaż-żewġ strumenti[4] u huma intiżi li:

– tiġi żgurata l-kontinwità tal-funzjonijiet kritiċi;

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu u ditti ta’ investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

[3] Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta’ Mekkaniżmu Uniku ta’ Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

[4] Ara l-Artikolu 31(2) tad-Direttiva 2014/59 u l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 806/2014.

– jiġu evitati l-effetti negattivi serji fuq l-istabbiltà finanzjarja, b'mod partikolari billi jiġi evitat il-kontaġju, inkluż għall-infrastrutturi tas-suq, u billi tinżamm id-dixxiplina tas-suq;

– jiġu protetti r-riżorsi tal-Istat permezz ta' tnaqqis massimu fl-użu tal-għajnuna finanzjarja pubblika eċċezzjonali;

– jiġu protetti d-depożitanti koperti mid-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti[5], kif ukoll l-investituri koperti mid-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur[6]; u

– jiġu protetti l-fondi u l-attivi tal-klijenti.

3. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, huma stabbiliti diversi prinċipji, l-ewwel u qabel kollox il-fatt li l-azzjonisti tal-istituzzjoni suġġetta għall-proċedura ta' riżoluzzjoni huma l-ewwel li jġarrbu t-telf[7], iżda wkoll il-prinċipju li l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar minn dak li huwa kien jissubixxi kieku l-istituzzjoni kienet stralċjata taħt proċedura normali ta' insolvenza[8].

4. Fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, bank kien is-suġġett ta' riżoluzzjoni bankarja li matulha seħħew diversi deprezzamenti u konverżjonijiet suċċessivi ta' strumenti ta' fondi proprji, segwiti immedjatament minn bejgħ ta' negozju lil bank ieħor li spiċċa sabiex jassorbi lil tal-ewwel.

5. F'dan il-kuntest, ir-regoli applikabbli għal din ir-riżoluzzjoni (telf imġarrab mill-azzjonisti, rikapitalizzazzjoni interna kif ukoll deprezzament u konverżjoni ta' strumenti ta' fondi proprji) jipprekludu d-dritt għall-kumpens tal-azzjonisti li jkunu ssottoskrivew għal żieda fil-kapital offrut lill-pubbliku fis-sena ta' qabel ir-riżoluzzjoni tal-bank, fil-każ ta' prospett ineżatt, dritt meħud mid-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE[9]?

6. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni applikabbli għar-riżoluzzjoni tipprekludi l-konsegwenzi (ħlas lura tal-kontrovalur tal-azzjonijiet sottoskritti flimkien mal-ħlas tal-interessi) tad-dikjarazzjoni ġudizzjarja, imwettqa wara azzjonijiet legali sussegwenti għal din ir-riżoluzzjoni, tan-nullità tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni ta' azzjonijiet minħabba l-frodi jew l-iżball li l-azzjonisti kienu vittmi tagħhom minħabba l-prospett ineżatt?

7. Dawn huma essenzjalment iż-żewġ domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja u li ser nipproponi li jitwieġbu fl-affermattiv.

8. Nippreċiża li, minħabba r-rabta bejn ir-Regolament Nru 806/2014 u d-Direttiva 2014/59 kif ukoll ir-riferiment magħmul minn wieħed għall-oħra mill-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, l-interpretazzjoni ta' din id-direttiva tapplika wkoll għad-dispożizzjonijiet simili tar-regolament imsemmi.

[5] ĠU 2014, L 173, p. 149, rettifiki fil-ĠU 2014, L 309, p. 37, u fil-ĠU 2014, L 212, p. 47.

[6] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu, 6 Vol. 2, p. 31.

[7] Ara l-Artikolu 34(1)(a) tad-Direttiva 2014/59 u l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 806/2014.

[8] Ara l-Artikolu 34(1)(g) tad-Direttiva 2014/59 u l-Artikolu 15(1)(g) tar-Regolament Nru 806/2014.

[9] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 356, rettifika fil-ĠU 2014, L 218, p. 8.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### A. *Id-dritt tal-Unjoni*

#### 1. *Id-Direttiva 2003/71*

9. Id-Direttiva 2003/71 tapplika *ratione temporis* għall-kawża prinċipali[10].

10. L-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

(d) 'offerta tat-titoli lill-pubbliku' tfisser komunikazzjoni lil persuni f'kull għamla u b'kull mezz, li tippreżenta tagħrif biżżejjed dwar it-termini ta' l-offerta u dwar it-titoli li jkunu sejrin jiġu offerti, hekk li jgħinu lill-investitur li jiddeċiedi dwar dawn it-titoli li jixtrihom jew jissottoskrivihom. Din id-definizzjoni għandha tapplika wkoll għat-tqegħid tat-titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji;

[...]

(h) 'min joħroġ it-titoli': tfisser entità legali li toħroġ jew tipproponi li toħroġ it-titoli;

[...]"

11. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71, intitolat "Ir-responsabbiltà annessa mal-prospett", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi r-responsabbiltà rigward it-tagħrif mogħti fi prospett ikollu x'jaqsam mill-inqas ma' min joħroġ it-titoli jew il-korpi tiegħu amministrattivi, tal-ġestjoni jew tas-sorveljanza, ma' min joffrihom, mal-persuna li titlob għall-ammissjoni għall-kummerċ f'suq regolat jew il-garanti, skond kif ikun il-każ. Il-persuni responsabbli għandhom ikunu identifikati biċ-ċar fil-prospett b'isimhom u l-funzjonament tagħhom jew, fil-każ ta' persuni legali, isimhom u l-uffiċċji reġistrati tagħhom, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet tagħhom li, safejn ikunu jafu, it-tagħrif li jkun jinsab fil-prospett ikun skond il-fatti u li l-prospett ma jħalli barra xejn li x'aktarx jaffettwa l-importanza tiegħu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi l-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi dwar ir-responsabbiltà ċivili japplikaw għal dawk il-persuni responsabbli mit-tagħrif mogħti fi prospett.

[...]"

[10] Id-Direttiva 2003/71 kienet tħassret, b'seħħ mill-21 ta' Lulju 2019, permezz tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat (ĠU 2017, L 168, p. 12).

*2. Id-Direttiva 2014/59*

12. Il-premessi 13, 49 sa 51 u 120 tad-Direttiva 2014/59 jipprovdu:

"(13) L-użu tal-għodda u s-setgħat tar-riżoluzzjoni previsti f'din id-Direttiva jistgħu jfixklu d-drittijiet tal-azzjonisti u l-kredituri. B'mod partikolari, is-setgħa tal-awtoritajiet li jittrasferixxu l-ishma jew l-assi kollha jew parti minnhom ta' istituzzjoni lil akkwirent privat mingħajr il-kunsens tal-azzjonisti jaffettwa d-drittijiet tas-sjieda tal-azzjonisti. Barra minn hekk, is-setgħa li jiġi deċiż liema obbligazzjonijiet jiġu ttrasferiti minn istituzzjoni li qed tfalli abbażi tal-għanijiet tal-iżgurar tal-kontiwità tas-servizzi u li jiġu evitati l-effetti ħżiena fuq l-istabbiltà finanzjara jista' jaffettwa t-trattament ugwali tal-kredituri. Għalhekk, azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tittieħed biss meta tkun meħtieġa fl-interess pubbliku u kull interferenza fid-drittijiet ta' azzjonisti u kredituri li tirriżulta minn azzjoni ta' riżoluzzjoni għandha tkun kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea [iktar 'il quddiem il-'Karta']. B'mod partikolari, meta l-kredituri fl-istess klassi jiġu ttrattati b'mod differenti fil-kuntest ta' azzjoni ta' riżoluzzjoni, tali distinzjonijiet għandhom ikunu ġustifikati fl-interess pubbliku u proprzjonati għar-riskju li jkun qed jiġi indirizzat u la għandhom ikunu direttament diskriminatorji u l-anqas indirettament diskriminatorji għal raġunijiet ta' nazzjonalità.

[...]

(49) Il-limitazzjonijiet fuq id-drittijiet tal-azzjonisti u l-kredituri għandhom ikunu f'konformità mal-Artikolu 52 tal-Karta. L-għodod tar-riżoluzzjoni għandhom għalhekk jiġu applikati biss lil dawk l-istituzzjonijiet li jkunu qed ifallu jew probabbli li jfallu, u dan biss meta jkun neċessarju biex jintlaħaq l-għan tal-istabbiltà finanzjarja fl-interess ġenerali. [...] Barra minn hekk, fl-applikazzjoni tal-għodod ta' riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni, għandhom jitqiesu l-prinċipju tal-proporzjonalità kif ukoll il-karatteristiċi distinti tal-forma ġuridika ta' istituzzjoni.

(50) Interferenza mad-drittijiet tas-sjieda ma għandhiex tkun sproporzjonata. L-azzjonisti u l-kredituri affettwati ma għandhomx iġarrbu iktar telf minn dawk li kienu jġarrbu kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata fiż-żmien meta ttieħted id-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni. [...]

(51) Għall-iskop li jiġi protett id-dritt tal-azzjonisti u l-kredituri, għandhom jiġu stabbiliti obbligi ċari fir-rigward tal-valwazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u fejn meħtieġ skont din id-Direttiva l-valutazzjoni tat-trattament li kienu jirċievu l-azzjonisti u l-kredituri kieku l-istituzzjoni ġiet stralċjata skont proċeduri normali ta' insolvenza. [...] Jekk ikun determinat li l-azzjonisti u l-kredituri jkunu rċevew, fil-ħlas, jew kumpens, għall-pretensjonijiet tagħhom, l-ekwivalenti ta' inqas mill-ammont li kienu jirċievu taħt proċeduri normali ta' insolvenza, huma għandhom ikunu intitolati għal ħlas tad-differenza fejn meħtieġ skont din id-Direttiva. B'kuntrast mal-valutazzjoni ta' qabel l-azzjoni ta' riżoluzzjoni, għandu jkun possibbli li dak il-paragun jiġi kontestat separatament mid-deċiżjoni tar-riżoluzzjoni. L-Istati Membri għandhom jitħallew ħielsa jiddeċiedu dwar il-proċedura ta' kif l-azzjonisti u l-kredituri jitħallsu kwalunkwe differenza li tkun ġiet ddeterminata fit-trattament. Din id-differenza, jekk ikun hemm, għandha titħallas mill-arranġamenti finanzjarji stabbiliti skont din id-Direttiva.

[...]

(120) Id-direttivi tal-Unjoni dwar il-liġi tal-kumpanniji jinkludu regoli mandatorji għall-protezzjoni tal-azzjonisti u l-kredituri ta' istituzzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn id-direttivi. F'sitwazzjonijiet fejn l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jeħtieġ jaġixxu b'mod rapidu, dawk ir-regoli jistgħu jfixklu l-azzjoni effettiva u l-użu ta' għodod u setgħat ta' riżoluzzjoni minn awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u derogi xierqa għandhom jiġu inklużi f'din id-Direttiva. […]".

13. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59 jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

47. 'proċeduri normali ta' insolvenza', tfisser il-proċeduri kollettivi ta' insolvenza li jinvolvu divestiment parzjali jew totali ta' debitur u l-ħatra ta' likwidatur jew amministratur, normalment applikabbli għal istituzzjonijiet skont il-liġi nazzjonali u, jew speċifiċi għal dawk l-istituzzjonijiet jew ġeneralment applikabbli għal kwalunkwe persuna naturali jew ġuridika;

[…]

57. 'għodda ta' rikapitalizzazzjoni interna', tfisser il-mekkaniżmu biex jiġi effettwat l-eżerċizzju minn awtorità tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu 37 tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fir-rigward ta' obbligazzjonijiet [ta'] istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 43;

58. 'għodda ta' bejgħ ta' negozju', tfisser il-mekkaniżmu biex jiġi effettwat it-trasferiment minn awtorità ta' riżoluzzjoni ta' strumenti ta' sjieda maħruġa minn istituzzjoni taħt riżoluzzjoni, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni lil akkwirent li mhuwiex istituzzjoni tranżitorja skont l-Artikolu 38;

[…]

61. 'strumenti ta' sjieda', tfisser ishma, strumenti oħra li jagħtu s-sjieda, strumenti li jistgħu jiġu konvertiti jew jagħtu d-dritt li jiġu akkwistati ishma jew strumenti ta' sjieda, u strumenti li jirrappreżentaw interessi f'ishma jew strumenti oħra ta' sjieda;

62. 'azzjonisti', tfisser detenturi ta' strumenti ta' sjieda;

[…]

66. 'setgħat ta' valwazzjoni negattiva', tfisser is-setgħat imsemmija fl-Artikolu 59(2) u fil-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 63(1);

[…]"

14. L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-riżoluzzjoni", jipprovdi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni u jeżerċitaw is-setgħat ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li l-azzjoni ta' riżoluzzjoni tittieħed skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-azzjonisti tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jġarrbu l-ewwel telf;

[…]

(e) il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jsiru responsabbli, soġġett għal-liġi tal-Istat Membru, skont il-liġi ċivili jew kriminali għar-responsabbiltà tagħhom għall-falliment tal-istituzzjoni;

(f) ħlief fejn previst mod ieħor f'din id-Direttiva, il-kredituri tal-istess klassi jiġu ttrattati b'mod ekwu;

(g) l-ebda kreditur ma għandu jġarrab telf ikbar milli kien iġarrab kieku l-istituzzjoni […] ġiet stralċjata taħt proċeduri ta' insolvenza normali f'konformità mas-salvagwardji fl-Artikoli 73 sa 75;

[…]"

15. L-Artikolu 53 tad-Direttiva 2014/59, intitolat "Effett tar-rikapitalizzazzjoni interna", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn awtorità ta' riżoluzzjoni teżerċita setgħa msemmija fl-Artikolu 59(2) u fil-punti (e) sa (i) tal-Artikolu 63(1), it-tnaqqis fil-kapital jew fl-ammont pendenti dovut, il-konverżjoni jew il-kanċellazzjoni jidħlu fis-seħħ u jkunu immedjatament vinkolanti fuq l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u l-kredituri u l-azzjonisti affettwati.

[…]

3. Meta awtorità ta' riżoluzzjoni tnaqqas għal żero l-ammont kapitali prinċipali ta', jew l-ammont pendenti pagabbli fir-rigward ta' obbligazzjoni permezz tas-setgħa msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 63(1), dik l-obbligazzjoni u kwalunkwe obbligu jew pretensjoni li tirriżulta f'relazzjoni magħha li mhumiex dovuti fil-mument meta tiġi eżerċitata s-setgħa għandhom jiġu ttrattati bħala mħallsa għal għanijiet kollha, u ma għandhomx ikun jistgħu jiġu ppruvati fi kwalunkwe proċedura sussegwenti fir-rigward l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe entità suċċessur fi kwalunkwe stralċ sussegwenti."

16. L-Artikolu 59 ta' din id-direttiva, intitolat "Rekwiżit għall-valwazzjoni negattiva jew għall-konverżjoni ta' strumenti kapitali", jipprovdi:

"[…]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħa li jivvalwaw negattivament l-istrumenti kapitali rilevanti jew jikkonvertuhom fi strumenti ta' sjieda ta' istituzzjonijiet […]

[…]

10. Qabel ma jeżerċitaw is-setgħa li jiġu valwati negattivament l-istrumenti kapitali jew jiġu konvertiti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni […] skont l-Artikolu 36. Dik il-valwazzjoni se tkun il-bażi tal-kalkolu tal-valwazzjoni negattiva li għandu jiġi applikat lill-istrumenti kapitali rilevanti sabiex jiġi assorbit it-telf u l-livell ta' konverżjoni li għandu jiġi applikat lill-istrumenti kapitali rilevanti għar-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni […]".

17. L-Artikolu 60 ta' din id-direttiva, intitolat "Dispożizzjonijiet li jirregolaw il-valwazzjoni negattiva jew il-konverżjoni tal-istrumenti kapitali", huwa fformulat kif ġej:

"[…]

2. Meta l-ammont prinċipali ta' strument kapitali rilevanti jiġi valwat negattivament:

(a) it-tnaqqis ta' dak l-ammont kapitali għandu jkun permanenti soġġett għal kwalunkwe valwazzjoni pożittiva skont il-mekkaniżmu ta' rimborż taħt l-Artikolu 46(3);

(b) l-ebda obbligazzjoni lejn id-detentur tal-istrument kapitali rilevanti ma għandha tibqa' taħt jew marbuta mal-ammont tal-istrument li jkun ġie valwat negattivament, ħlief għal xi obbligazzjoni diġà dovuta, u kwalunkwe obbligazzjoni għal danni li jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta' appel li jikkontesta l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa tal-valwazzjoni negattiva;

(c) ebda kumpens ma jitħallas lil ebda detentur tal-istrumenti kapitali rilevanti għajr skont il-paragrafu 3.

[…]"

18. L-Artikolu 63(1)(h) tad-Direttiva 2014/59 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkollhom is-setgħat kollha neċessarji biex japplikaw l-għodod ta' riżoluzzjoni għall-istituzzjonijiet […] li jissodisfaw il-kondizzjonijiet applikabbli għal riżoluzzjoni. Partikolarment, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħat ta' riżoluzzjoni li ġejjin […]:

[…]

(h) is-setgħa li jnaqqsu, inkluż inaqqsu sa żero, l-ammont nominali ta' strumenti ta' sjieda ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u li jikkanċellaw tali strumenti ta' sjieda".

19. L-Artikolu 75 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jekk il-valwazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 74 tiddetermina li kwalunkwe azzjonista jew kreditur imsemmi fl-Artikolu 73, jew l-iskema ta' garanzija tad-depożiti skont l-Artikolu 109(1), ikun ġarrab telf akbar milli kieku kien iġarrab fi stralċ taħt proċeduri normali ta' insolvenza, huwa jkollu d-dritt għal pagament tad-differenza mill-arranġamenti tal-finanzjament ta' riżoluzzjoni."

### *3. Id-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)*

20. Permezz tad-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-7 ta' Ġunju 2017 ibbażata fuq l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru°806/2014, is-SRB adotta skema ta' riżoluzzjoni fir-rigward ta' Banco Popular Español SA (iktar 'il quddiem "Banco Popular"). Din l-iskema kienet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1246 tas-7 ta' Ġunju 2017 [11].

## ***B. Id-dritt Spanjol***

### *1. Id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 4/2015*

21. Id-Direttiva 2003/71 ġiet trasposta fi Spanja permezz tar-riforma tal-Ley 24/1988 del Mercado de Valores (il-Liġi 24/1988 dwar is-Suq tat-Titoli) [12] tat-28 ta' Lulju 1988, issa ssostitwita bir-Real Decreto Legislativo 4/2015 por el que se aprueba el texto refundido de la Ley del Mercado de Valores (id-Digriet Irjali Leġiżlattiv 4/2015 li Japprova r-Riforma tal-Liġi dwar is-Suq tat-Titoli) [13] tat-23 ta' Ottubru 2015.

22. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71 ta lok għall-Artikolu 38 ta' dan id-digriet irjali leġiżlattiv, li jirregola r-responsabbiltà fir-rigward tal-prospett f'termini sostanzjalment identiċi.

### *2. Il-Kodiċi Ċivili*

23. L-Artikolu 1300 tal-Código Civil (il-Kodiċi Ċivili) jipprovdi:

"Il-kuntratti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1261 jistgħu jiġu annullati, anki fin-nuqqas ta' preġudizzju għall-partijiet kontraenti, jekk ikunu vvizzjati b'wieħed mid-difetti li jinvalidawhom bis-saħħa tal-liġi."

24. L-Artikolu 1303 tal-Kodiċi Ċivili huwa fformulat kif ġej:

"Meta obbligu jiġi ddikjarat null, il-partijiet kontraenti għandhom jirrestitwixxu lil xulxin l-oġġetti li kienu s-suġġett tal-kuntratt, il-frott prodott minn dawn l-oġġetti u l-prezz bl-interessi, bla ħsara għall-artikoli li ġejjin."

25. L-Artikolu 1307 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

"Meta l-parti kontraenti li tkun meħtieġa li tirrestitwixxi l-oġġett bis-saħħa tad-dikjarazzjoni ta' nullità ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba t-telf tal-oġġett, hija għandha tirrestitwixxi l-frott miksub u l-valur li l-oġġett kellu fiż-żmien tat-telf tiegħu, kif ukoll l-interessi mill-istess data."

[11] ĠU 2017, L 178, p. 15, rettifika fil-ĠU 2017, L 320, p. 31.

[12] BOE Nru 181, tad-29 ta' Lulju 1988, p. 23405.

[13] BOE Nru 255, tal-24 ta' Ottubru 2015, p. 100356.

*3. Il-Liġi 11/2015*

26. Il-Ley 11/2015 de recuperación y resolución de entidades de crédito y empresas de servicios de inversión (il-Liġi 11/2015 dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Istituzzjonijiet ta' Kreditu u tal-Impriżi ta' Investiment) [14] tat-18 ta' Ġunju 2015 tittrasponi d-Direttiva 2014/59.

*4. Id-deċiżjoni tal-Fond ta' Ristrutturazzjoni Ordnata tal-Istituzzjonijiet Bankarji*

27. Id-Deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tas-SRB ġiet implimentata mid-deċiżjoni tal-Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria (il-Fond ta' Ristrutturazzjoni Ordnata tal-Istituzzjonijiet Bankarji, Spanja, iktar 'il quddiem il-"FROB") [15], tas-7 ta' Ġunju 2017, li t-tielet bażi ġuridika tagħha tindika b'mod partikolari:

"Fir-rigward tal-portata tal-miżura ta' deprezzament adottata permezz ta' din id-deċiżjoni, skont l-Artikolu 39(2) tal-Liġi [11/2015], dan huwa deprezzament permanenti, u ma għandu jitħallas l-ebda kumpens lid-detenturi [tal-azzjonijiet deprezzati] [...]. L-ebda obbligu ma għandu jibqa' fil-konfront tad-detentur tal-azzjonijiet deprezzati, ħlief għall-obbligi diġà dovuti jew ir-responsabbiltà li tista' tirriżulta minn rikors ippreżentat kontra l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' deprezzament."

28. Id-dispożittiv ta' din id-deċiżjoni huwa fformulat kif ġej:

"L-ewwel

Tnaqqis fil-kapital azzjonarju attwali ta' [Banco Popular] minn EUR żewġ biljuni, tmienja u disgħin miljun, erbgħa mija u disgħa u għoxrin elf u sitta u erbgħin (EUR 2 098 429 046) għal EUR żero (EUR 0), bid-deprezzament tal-azzjonijiet kollha fiċ-ċirkulazzjoni bħalissa [...], sabiex tiġi kkostitwita riżerva ħielsa ta' natura mhux disponibbli, skont l-Artikolu 35(1) u l-Artikolu 64(1)(d) tal-Liġi [11/2015].

It-tieni

Żieda simultanja fil-kapital bit-tneħħija tad-dritt preferenzjali ta' sottoskrizzjoni bil-ħsieb li jiġu kkonvertiti l-istrumenti kollha ta' fondi proprji addizzjonali tal-Kategorija 1 [...]

It-tielet

Tnaqqis fil-kapital azzjonarju għal EUR żero (EUR 0) bid-deprezzament tal-azzjonijiet li jirriżulta mill-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji addizzjonali tal-Kategorija 1 stabbilita fil-punt preċedenti, sabiex tiġi kkostitwita riżerva ħielsa ta' natura mhux disponibbli [...]

Ir-raba'

Żieda simultanja fil-kapital bit-tneħħija tad-dritt preferenzjali ta' sottoskrizzjoni bil-ħsieb li l-istrumenti kollha ta' fondi proprji tal-Kategorija 2 jiġu kkonvertiti f'azzjonijiet maħruġa ġodda ta' Banco Popular [...]

[14] BOE Nru 146, tad-19 ta Ġunju 2015, p. 50797, iktar 'il quddiem il-"Liġi 11/2015".

[15] Kif tradotta fid-deċiżjoni tar-rinviju. BOE Nru 155, tat-30 ta' Ġunju 2017, p. 55470.

Il-ħames

Nomina ta' [Banco Popular] bħala mandatarju għat-twettiq tal-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-konverżjoni u d-deprezzament tal-istrumenti ta' fondi proprji deskritti fil-punti preċedenti.

Is-sitta

Trasferiment lill-istituzzjoni Banco Santander, SA tal-azzjonijiet kollha ta' [Banco Popular] maħruġa wara l-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-Kategorija 2 imsemmija fit-tielet bażi ġuridika ta' din id-deċiżjoni [...]"

## III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

29. F'Ġunju 2016, J.A.C. u M.C.P.R. akkwistaw azzjonijiet ta' Banco Popular waqt żieda fil-kapital li kienet is-suġġett ta' offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni.

30. Wara li għamlet aġġustamenti sinjifikattivi fil-valur tal-attivi tagħha fl-aħħar trimestru tal-2016 li wasslu għal telf li jammonta għal EUR 3 485 biljun għas-sena finanzjarja 2016, Banco Popular innotifikat, fit-3 ta' April 2017, lill-Comisión Nacional del Mercado de Valores (il-Kummissjoni Nazzjonali tas-Suq tat-Titoli, Spanja), ċerti irregolaritajiet fil-kontijiet annwali tal-2016, mingħajr impatt sinjifikattiv fuq il-kontijiet għal dik is-sena, skontha.

31. Fis-7 ta' Ġunju 2017, ir-riżoluzzjoni bankarja ta' Banco Popular ġiet deċiża mis-SRB u l-azzjonijiet kollha (fiċ-ċirkulazzjoni f'din id-data u li jirriżultaw mill-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji addizzjonali tal-Kategorija 1) ġew deprezzati mingħajr ebda korrispettiv. Banco Santander akkwistat l-azzjonijiet il-ġodda kollha (li ħarġu mill-konverżjoni tal-istrumenti ta' fondi proprji tal-Kategorija 2) ta' Banco Popular u wettqet amalgamazzjoni permezz ta' akkwist fl-2018 li wasslet għall-estinzjoni tal-personalità ġuridika ta' Banco Popular.

32. J.A.C. u M.C.P.R., wara li tilfu l-investiment kollu tagħhom, f'Marzu 2018 ippreżentaw rikors kontra Banco Popular intiż għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt tal-akkwist tal-azzjonijiet, għal żball li invalida l-kunsens tagħhom, minħabba l-prospett mhux komplet jew mhux preċiż maħruġ qabel il-ħruġ, jew għal frodi minħabba informazzjoni, dwar is-sitwazzjoni patrimonjali tal-kumpannija, xjentement iffalsifikata jew moħbija.

33. Banco Santander, wara li ħadet il-pożizzjoni ta' konvenuta sa mill-ewwel istanza, appellat mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza li laqgħet ir-rikors għal dikjarazzjoni ta' nullità minħabba żball u li ordnat ir-rimbors tal-prezz tax-xiri tal-azzjonijiet, flimkien mal-ħlas tal-interessi legali.

34. L-Audiencia Provincial de A Coruña (il-Qorti Provinċjali ta' A Coruña, Spanja) tippreċiża li l-ġurisprudenza Spanjola tirrikonoxxi l-possibbiltà, fil-każ ta' prospett żbaljat jew mhux komplet waqt offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni, ta' azzjoni għad-danni jew għad-dikjarazzjoni tan-nullità, b'effett retroattiv, tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni ta' azzjonijiet minħabba frodi jew żball. Hija tqis li dawn iż-żewġ azzjonijiet (għad-danni jew għal dikjarazzjoni ta' nullità) għandhom effetti ekwivalenti f'termini ta' kumpens, bl-eċċezzjoni tal-effett retroattiv tad-deċiżjoni ta' dikjarazzjoni ta' nullità li tmur lura għad-data tas-sottoskrizzjoni tal-kuntratt ta' akkwist, preċedenti għad-data tar-riżoluzzjoni bankarja. Hija tgħid ukoll li l-impossibbiltà ta' ħlas lura tal-azzjonijiet ma hijiex fiha nnifisha ostakolu għal azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità.

35. Il-qorti tar-rinviju tqajjem l-ewwel diffikultà dwar jekk, fil-każ ta' riżoluzzjoni bankarja, il-prinċipju ta' rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' deprezzament totali tal-azzjonijiet u l-istrumenti ta' fondi proprji jippreklidix il-protezzjoni ggarantita lill-azzjonisti mid-dritt tal-Unjoni permezz tal-azzjoni għad-danni bbażata fuq prospett żbaljat jew mhux komplet (jew ta' azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità b'effett ekwivalenti) u tal-garanzija tal-intanġibbiltà tal-kapital azzjonarju.

36. Fil-każ li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità tkun possibbli favur l-azzjonisti leżi, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata tal-eċċezzjoni, relatata mal-"obbligazzjoni diġà dovuta"[16], għall-prinċipju li, fil-każ ta' deprezzament tal-istrumenti ta' fondi proprji, ma jibqa' l-ebda obbligu fir-rigward tad-detentur ta' dawn l-istrumenti. Skontha, l-effett retroattiv tan-nullità tal-kuntratt ta' akkwist jirrendi d-dritt għal ħlas lura preċedenti għad-data tar-riżoluzzjoni u jpoġġi, fid-data tar-riżoluzzjoni, lill-azzjonisti leżi bħala kredituri tal-bank u mhux bħala azzjonisti.

37. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Audiencia Provincial de A Coruña (il-Qorti Provinċjali ta' A Coruña) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Meta, fl-ambitu ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' entità finanzjarja, ikun ġie mifdi l-valur tal-azzjonijiet kollha li fihom kien diviż il-kapital azzjonarju, l-Artikoli 34(1)(a), 53(1) u (3) u 60(2)(b) u ([c]) tad-Direttiva [2014/59], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu lil kull min ikun akkwista l-azzjonijiet tal-imsemmija entità xi xhur qabel il-bidu tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, fl-okkażjoni ta' żieda tal-kapital permezz ta' offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni, milli jressaq kontra l-entità tal-ħruġ jew kontra l-entità li tirriżulta minn amalgamazzjoni suċċessiva permezz ta' inkorporazzjoni [akkwist], talbiet għar-riżarċiment tad-danni jew talbiet li għandhom effett ekwivalenti billi jinvoka l-ineżattezza tal-informazzjoni inkluża fil-prospett tal-ħruġ?

2. Fl-istess każ li hemm riferiment għalih fid-domanda preċedenti, l-Artikoli 34(1)(a), 53(3) u 60(2)(b) tad-Direttiva [2014/59], jipprekludu l-impożizzjoni b'mod ġudizzjarju fuq l-entità tal-ħruġ, jew fuq l-entità li tissuċċediha b'titolu universali, ta' obbligi ta' ħlas lura tal-kontrovalur tal-azzjonijiet sottoskritti, flimkien mal-ħlas tal-interessi, bħala konsegwenza tad-dikjarazzjoni ta' nullità, b'effetti retroattivi (*ex tunc*), tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni tal-azzjonijiet, skont talbiet imressqa wara r-riżoluzzjoni tal-entità?"

38. J.A.C. u M.C.P.R., Banco Santander, il-Gvern Spanjol, Taljan u dak Portugiż kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

## IV. Analiżi

39. Nipproponi li nirrispondi għaż-żewġ domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-ordni li għażlet il-qorti tar-rinviju. Ser nikkompleta r-raġunament tiegħi b'osservazzjonijiet iktar ġenerali dwar id-dritt għal rimedju effettiv.

16 Ara l-Artikolu 60(2)(b) tad-Direttiva 2014/59.

## *A. Fuq l-ewwel domanda*

40. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tkun taf jekk l-Artikolu 34(1)(a), l-Artikolu 53(1) u (3) u l-Artikolu 60(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, l-azzjonijiet kollha inklużi fil-kapital azzjonarju jkunu ġew iddeprezzati, dawn jipprekludu li l-persuni li kienu akkwistaw azzjonijiet ftit xhur qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, fl-okkażjoni ta' żieda fil-kapital b'offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni, jistgħu jressqu, kontra l-istituzzjoni tal-ħruġ jew l-istituzzjoni li tirriżulta minn amalgamazzjoni suċċessiva permezz ta' akkwist, azzjonijiet għal kumpens jew azzjonijiet li għandhom effett ekwivalenti bbażati fuq l-informazzjoni ineżatta pprovduta mill-prospett tal-ħruġ.

41. Din id-domanda tirrigwarda r-relazzjoni bejn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59, dwar ir-riżoluzzjoni bankarja, u dawk tad-Direttiva 2003/71, dwar il-prospett. Fil-fatt, sa liema punt jista' azzjonist li l-valur tal-azzjonijiet tiegħu tnaqqas għal żero, fil-kuntest ta' riżoluzzjoni bankarja mwettqa permezz ta' rikapitalizzazzjoni interna b'deprezzament segwita minn bejgħ ta' negozju[17], jikseb kumpens billi jibbaża ruħu fuq in-nuqqas ta' preċiżazzjonijiet tal-prospett ippubblikat waqt l-offerta lill-pubbliku ta' dawn l-azzjonijiet, sena qabel ir-riżoluzzjoni bankarja?

42. Għalkemm dawn iż-żewġ direttivi jimmiraw lejn il-moralizzazzjoni tal-ħajja tan-negozju, kemm jekk permezz tat-trasparenza finanzjarja ikbar waqt il-ħruġ ta' titoli offruti lill-pubbliku, issanzjonata b'mod effettiv, dissważiv u proporzjonat, u permezz tal-ġlieda kontra l-kriminalità tal-kullar abjad (premessi 41 u 43 tad-Direttiva 2003/71) kif ukoll jekk permezz tat-tnaqqis tal-perikolu morali (premessa 45 tad-Direttiva 2014/59), dawn ma għandhomx l-istess kamp ta' applikazzjoni u ma humiex intiżi li jipproteġu l-istess interessi.

43. Fil-fatt, filwaqt li d-Direttiva 2003/71 kellha l-għan innegabbli li tipproteġi lill-investituri li jakkwistaw titoli offruti lill-pubbliku billi tippermettilhom iressqu azzjoni għad-danni fil-każ ta' prospett falz jew mhux preċiż, id-Direttiva 2014/59 għandha bħala għan li jiġi evitat, permezz ta' reazzjoni rapida, il-kollass eventwali ta' sistema finanzjarja wara l-falliment ta' bank. Għalhekk, l-investituri, li saru azzjonisti, huma l-ewwel li jikkontribwixxu għat-telf fil-każ ta' falliment tal-bank tagħhom taħt l-Artikolu 34(1)(a) ta' din id-direttiva, fejn din il-kontribuzzjoni tista' tirriżulta, bħal f'dan il-każ, fit-telf totali tal-investiment tagħhom.

44. F'dan il-każ, is-SRB, u sussegwentement il-FROB, għażlu l-istrumenti ta' riżoluzzjoni li ġejjin: rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' deprezzament, b'mod partikolari tal-azzjonijiet inizjali li ġew annullati[18], segwita minn bejgħ ta' negozju.

45. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà aċċettat li l-għanijiet li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja u finanzjarja u li jiġi evitat riskju sistemiku jikkostitwixxu għanijiet ta' interess ġenerali segwiti mill-Unjoni[19].

[17] Anki jekk id-deċiżjonijiet tas-SRB u tal-FROB ma jikkwotawx l-artikoli relatati mar-rikapitalizzazzjoni interna, iżda biss dawk relatati mal-bejgħ ta' negozju kif ukoll mad-deprezzament u l-konverżjoni ta' strumenti ta' fondi proprji, jidher madankollu li hija rikapitalizzazzjoni interna, iddefinita fil-punt 57 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59 bħala "l-mekkaniżmu biex jiġi effettwat l-eżerċizzju minn awtorità tar-riżoluzzjoni skont l-Artikolu37 tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u l-konverżjoni fir-rigward ta' obbligazzjonijiet [ta'] istituzzjoni taħt riżoluzzjoni skont l-Artikolu 43", li ġiet imwettqa.

[18] Id-deċiżjoni tar-rinviju tirreferi biss għall-azzjonijiet, iżda r-raġunament jista' jiġi estiż għat-titoli kollha offruti lill-pubbliku fuq il-bażi ta' prospett mhux komplet jew mhux preċiż, li jaqa' taħt id-Direttiva 2003/71, u li kienu s-suġġett ta' deprezzament jew konverżjoni fil-kuntest ta' riżoluzzjoni bankarja.

[19] Ara s-sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Adusbef *et* (C-686/18, EU:C:2020:567, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46. Hija żiedet tgħid, f'kawża li kienet tinvolvi s-subordinazzjoni ta' għajnuna mill-Istat fis-settur bankarju għal miżura ta' qsim tal-piżijiet bejn azzjonisti u kredituri subordinati, li din il-miżura kienet miżura eċċezzjonali li setgħet tiġi adottata biss f'kuntest ta' taqlib serju tal-ekonomija ta' Stat Membru kif ukoll sabiex jiġi evitat riskju sistemiku u tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja [20].

47. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet ukoll dwar il-bilanċ li għandu jintlaħaq bejn iż-żewġ interessi ġenerali li huma l-protezzjoni tal-investituri u l-garanzija tas-sistema finanzjarja. Hija għamlet dan f'żewġ każijiet fejn kien hemm involuti l-garanziji dovuti lill-azzjonisti bis-saħħa ta' direttivi dwar id-dritt tal-kumpanniji [21], billi ddeċidiet li, għalkemm kien hemm interess ġenerali ċar li tiġi ggarantita madwar l-Unjoni protezzjoni b'saħħitha u konsistenti tal-investituri, dan l-interess ma jistax jitqies li jieħu preċedenza fiċ-ċirkustanzi kollha fuq l-interess ġenerali li jikkonsisti fil-garanzija tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja [22].

48. Għalkemm iż-żewġ kawżi li taw lok għas-sentenzi ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22 ta' dawn il-konklużjonijiet kienu jikkonċernaw id-drittijiet tal-azzjonisti fis-sens strett, il-kliem adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' "protezzjoni qawwija u konsistenti ta' investituri" [23] jista' jiġi adattat sew għal din il-kawża peress li l-protezzjoni mogħtija abbażi tad-Direttiva 2003/71, li għandha l-għan li tiggarantixxi l-aħjar trasparenza possibbli meta wieħed jinvesti f'kumpannija, hija fattur rilevanti għal investituri li jsiru azzjonisti billi jissottoskrivu għall-offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni ta' azzjonijiet akkumpanjata minn prospett.

49. Peress li l-interess tal-investituri ma jipprevalix fiċ-ċirkustanzi kollha fuq l-interess relatat mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, għandha tiġi analizzata b'mod iktar preċiż ir-relazzjoni bejn id-Direttivi 2003/71 u 2014/59 fl-ipoteżi ppreżentata mill-qorti tar-rinviju ta' riżoluzzjoni bankarja b'rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' deprezzament, b'mod partikolari, tal-azzjonijiet inizjali, segwita minn bejgħ ta' negozju.

### *1. L-interpretazzjoni letterali*

50. Ma hemmx x'jiġi diskuss dwar it-test tal-Artikolu 34(1)(a) tad-Direttiva 2014/59: l-azzjonisti huma l-ewwel li jġarrbu t-telf. Dawn huma ovvjament l-azzjonisti fil-jum li r-riżoluzzjoni tiġi deċiża. Fil-każ ta' deprezzament totali bl-annullament tal-azzjonijiet, il-valur tagħhom jitnaqqas għal żero u d-detenturi tat-titoli jitilfu l-istatus tagħhom ta' azzjonisti.

51. Fil-każ ta' tnaqqis għal żero tal-kapital dovut bħala element ta' passiv (hawnhekk l-azzjonijiet), l-Artikolu 53(3) ta' din id-direttiva, applikabbli fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna, jipprovdi li "dik l-obbligazzjoni u kwalunkwe obbligu jew pretensjoni li tirriżulta f'relazzjoni magħha li

20 Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 88).

21 It-tieni Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 58 tat-Trattat [li sar it-tieni paragrafu tal-Artikolu 48 KE, imbagħad it-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 TFUE], dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 8); Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU 2012, L 315, p. 74), kif ukoll id-Direttiva (UE) 2017/1132 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar ċerti aspetti tal-liġi dwar il-kumpaniji (ĠU 2017, L 169, p. 46).

22 Ara s-sentenzi tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 91), u tat-8 ta' Novembru 2016, Dowling *et* (C-41/15, EU:C:2016:836, punt 54).

23 Sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 91).

mhumiex dovuti fil-mument meta tiġi eżerċitata s-setgħa għandhom jiġu ttrattati bħala mħallsa għal għanijiet kollha, u ma għandhomx ikun jistgħu jiġu ppruvati fi kwalunkwe proċedura sussegwenti fir-rigward l-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni jew kwalunkwe entità suċċessur fi kwalunkwe stralċ sussegwenti".

52. F'dan l-istadju tar-riflessjoni tiegħi, jidhirli li l-azzjoni għad-danni, fil-każ ta' prospett żbaljat jew inkomplet, prevista fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71 u li l-modalitajiet tagħha għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri, hija marbuta direttament mal-istatus ta' azzjonist tal-persuna li tixtieq teżerċitaha, kuntrarjament għall-premessa tar-raġunament tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, sabiex jingħata lok għal dritt għal azzjoni għad-danni, ma huwiex biżżejjed li prospett ikun inkomplet jew żbaljat, jeħtieġ ukoll li jkun wassal lill-akkwirent potenzjali sabiex jissottoskrivi għall-offerta pubblika u sabiex isir, konsegwentement, azzjonist [24].

53. Minn dan isegwi li din l-azzjoni għad-danni taqa' fil-kategorija tal-obbligi jew krediti li huma meqjusa bħala mħallsa għall-finijiet kollha, jekk ma jkunux dovuti fid-data tar-riżoluzzjoni, u għalhekk ma jistgħux jiġu infurzati fi proċedura sussegwenti relatata mal-istituzzjoni li kienet is-suġġett tar-riżoluzzjoni jew mal-entità suċċessura tagħha. Għalhekk, l-azzjoni għad-danni msemmija ma tistax titressaq wara d-data tar-riżoluzzjoni bankarja li użat rikapitalizzazzjoni interna, kontra l-istituzzjoni jew l-entità li ssuċċedietha.

54. Regola simili hija stabbilita fl-Artikolu 60(2)(b) tad-Direttiva 2014/59 fil-każ ta' deprezzament ta' strumenti ta' fondi proprji (hawnhekk azzjonijiet), jiġifieri li "l-ebda obbligazzjoni lejn id-detentur […] ma għandha tibqa' taħt jew marbuta mal-ammont tal-istrument [ta' fondi proprji] ħlief għal xi obbligazzjoni diġà dovuta", li tista' tkun is-suġġett tal-istess interpretazzjoni: l-azzjoni għad-danni għal prospett żbaljat ma tistax titressaq iktar wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni b'deprezzament ta' azzjonijiet.

55. Dan l-istess artikolu jipprovdi għal eċċezzjoni oħra, minbarra dik relatata mal-obbligi li jkunu diġà dovuti: ir-responsabbiltajiet li jistgħu jirriżultaw minn rikors ippreżentat kontra l-legalità tal-eżerċizzju tas-setgħa ta' deprezzament [25]. Huwa ovvju li l-azzjonijiet għad-danni bbażati fuq prospett żbaljat jew mhux preċiż ma jaqgħux f'din il-kategorija. Fi kwalunkwe każ, l-annullament eventwali tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni ma jistax, bis-saħħa tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 85(4) tad-Direttiva 2014/59, jippreġudika d-drittijiet ta' terzi li jkunu akkwistaw b'*bona fide* t-titoli tal-istituzzjoni suġġetta għall-proċedura ta' riżoluzzjoni u huwa possibbli biss kumpens għat-telf ikkawżat minn din id-deċiżjoni [26].

56. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 60(2)(c) tad-Direttiva 2014/59, applikabbli wkoll fil-każ ta' deprezzament, jindika b'mod ċar li ma jitħallas ebda kumpens lil ebda detentur ta' strumenti ta' fondi proprji rilevanti, fatt li, mal-ewwel daqqa ta' għajn, jidher li jikkundanna kwalunkwe azzjoni għad-danni kontra min joħroġ l-azzjonijiet li l-prospett tiegħu huwa kkritikat.

24 Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Hirmann (C-174/12, EU:C:2013:856, punt 29).

25 Ara l-Artikolu 60(2)(b) *in fine*, tad-Direttiva 2014/59.

26 Dan l-artikolu jipprovdi li, "[f]ejn jeħtieġ li jiġu protetti l-interessi ta' partijiet terzi li jaġixxu in bona fide li akkwistaw strumenti ta' sjieda, jew assi, drittijiet jew obbligazzjonijiet ta' istituzzjoni taħt riżoluzzjoni permezz tal-użu ta' għodda ta' riżoluzzjoni jew l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni minn awtorità ta' riżoluzzjoni, l-annullament ta' deċiżjoni ta' awtorità ta' riżoluzzjoni ma għandhiex tolqot l-ebda att jew tranżazzjoni amministrattiva sussegwenti konklużi permezz tal-awtorità ta' riżoluzzjoni kkonċernata li kienu bbażati fuq id-deċiżjoni annullata. F'dak il-każ, ir-rimedji għal deċiżjoni jew azzjoni inġusta mill-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom ikunu limitati għal kumpens għat-telf imġarrab mill-applikant bħala riżultat tad-deċiżjoni jew l-azzjoni".

57. Ċertament, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni jsostnu li t-Titolu X tad-Direttiva 2014/59 jipprevedi li ċertu numru ta' dispożizzjonijiet ta' direttivi u regolamenti oħra ma humiex applikabbli fil-każ ta' proċedura ta' riżoluzzjoni bankarja. Issa, fost dawn id-dispożizzjonijiet, ma jidhirx l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71.

58. Minn dan, dawn il-partijiet jaslu għall-konklużjoni, jew għall-inqas l-ipoteżi, li dan in-nuqqas ta' riferiment espliċitu ma jippermettix li tiġi eskluża azzjoni għad-danni bbażata fuq prospett żbaljat mingħajr ma tinkiser il-Karta.

59. Fil-fatt, bis-saħħa tal-Artikolu 52 tal-Karta, limitazzjoni tad-drittijiet irrikonoxxuti minnha (bħad-dritt għall-proprjetà, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, il-protezzjoni tal-konsumaturi jew id-dritt għal rimedju effettiv) għandha tkun prevista mil-liġi u tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità.

60. Issa, għalkemm il-premessa 120 tad-Direttiva 2014/59 tipprovdi li l-eċċezzjonijiet għad-dritt tal-kumpanniji għandhom ikunu preċiżi jew għalkemm it-Titolu X ta' din id-direttiva jistabbilixxi b'mod ċar dawn l-eċċezzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li dawn kollha jirrigwardaw il-konsegwenzi proċedurali tar-riżoluzzjoni li s-suċċess tagħha jiddependi fuq ir-rapidità. Għalhekk, l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni ma għandhiex tiġi mfixkla minn drittijiet perfettament iġġustifikati fi żminijiet normali (b'mod partikolari, il-vot mil-laqgħat ġenerali fuq iż-żidiet jew tnaqqis fil-kapital, l-amalgamazzjonijiet jew id-diviżjonijiet, il-protezzjoni tal-kredituri fil-każ ta' tnaqqis fil-kapital, l-obbligu li tiġi attivata offerta pubblika ta' akkwist fil-każ ta' akkwist ta' perċentwal ta' azzjonijiet). Bl-istess mod, l-eċċezzjoni għall-obbligu li jiġi ppubblikat prospett bil-għan ta' elenkar mill-ġdid fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna, previst fl-Artikolu 53(2)(d) tad-Direttiva 2014/59, hija spjegata minn din il-ħtieġa ta' rapidità ta' implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

61. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li s-silenzju tat-Titolu X tad-Direttiva 2014/59 ma kienx jippermetti li jiġi konkluż li derogi oħra mid-direttivi dwar id-dritt tal-kumpanniji kienu pprojbiti [27].

62. Għalhekk, l-argument letterali li jkun possibbli li titressaq azzjoni bbażata fuq prospett żbaljat minħabba n-nuqqas ta' riferiment tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71 fid-Direttiva 2014/59 ma huwiex biżżejjed sabiex tissaħħaħ konvinzjoni f'dan ir-rigward. L-argumenti letterali huma, għall-kuntrarju, favur il-projbizzjoni ta' tali azzjoni mill-azzjonisti wara r-riżoluzzjoni, b'mod partikolari inkwantu t-test tad-Direttiva 2014/59 jippreċiża b'mod ċar ħafna li l-azzjonisti huma tal-ewwel li għandhom iġarrbu t-telf, u b'hekk jiġi osservat il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 52 tal-Karta li l-limitazzjoni tad-drittijiet irrikonoxxuti minnha għandha tkun prevista mil-liġi.

63. Fir-rigward tal-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità meħtieġ fl-Artikolu 52 tal-Karta, diġà semmejt, fil-punti 45 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-rikonoxximent mill-Qorti tal-Ġustizzja ta' għanijiet ta' interess ġenerali li jippermettu, fil-qasam ta' riżoluzzjoni bankarja, li jiġi ppreġudikat id-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti. Bl-istess mod, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irrikonoxxiet marġni wiesa' ta' diskrezzjoni lill-Istati fil-qasam ta'

[27] Ara s-sentenza tad-19 ta' Lulju 2016, Kotnik *et* (C-526/14, EU:C:2016:570, punt 93).

ristrutturazzjoni ta' banek fl-istess kuntest tal-kriżi finanzjarja globali[28] li jista' jasal sa nazzjonalizzazzjoni ta' bank mingħajr kumpens lill-azzjonisti bil-għan li jiġi protett is-settur finanzjarju tar-Renju Unit[29].

64. Kuntrarjament għal dak li jsostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, ma naħsibx li l-protezzjoni tal-konsumaturi ggarantita mill-Artikolu 38 tal-Karta hija inkwistjoni f'dan il-każ. Barra minn hekk, kieku kienet, din ma tistax tirċievi trattament differenti minn dak applikat għall-protezzjoni tad-dritt għall-proprjetà tal-azzjonisti, jiġifieri tneħħija quddiem il-protezzjoni tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja li tippermetti l-protezzjoni tal-interessi ta' grupp ferm ikbar ta' konsumaturi.

65. Fir-rigward tal-ksur allegat tal-ugwaljanza, dan ma jistax jiġi aċċettat peress li, oġġettivament, l-azzjonisti li kisbu t-titoli tagħhom fuq il-bażi ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni jekk kisbu sentenza ta' kundanna qabel id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni jew jekk iressqu azzjoni legali biss wara din id-deċiżjoni.

66. Fir-rigward tad-dritt għal rimedju effettiv protett mill-Artikolu 47 tal-Karta, inqis li dan huwa rrispettat, anki fil-każ li azzjonist li akkwista azzjonijiet fuq il-bażi ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż ma jistax jikseb kumpens fuq il-bażi ta' azzjoni għad-danni sussegwentement għal deċiżjoni ta' riżoluzzjoni bankarja.

67. Fil-fatt, dan l-azzjonist għandu rimedji ġudizzjarji oħra.

68. Fl-ewwel lok, l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2003/71 jippreċiża li l-Istati Membri, bla ħsara għad-dritt tagħhom li japplikaw sanzjonijiet kriminali, għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti sanzjonijiet amministrattivi kontra dawk responsabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Għalhekk, in-nuqqas eventwali ta' kumpens ma għandu l-ebda impatt fuq is-sanzjonijiet kriminali jew amministrattivi, fil-każ ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż, intiżi sabiex jitnaqqas il-perikolu morali permezz tal-effett dissważiv tagħhom.

69. Barra minn hekk, minn perspettiva ta' kumpens, l-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li azzjoni għad-danni, fil-każ ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż, tkun possibbli għall-inqas fir-rigward ta' min joħroġ it-titoli jew tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji tiegħu, tal-offerent, tal-persuna li titlob l-ammissjoni għall-kummerċ f'suq irregolat jew tal-garanti, jekk ikun il-każ. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni jħalli miftuħa l-possibbiltà ta' azzjonijiet għad-danni fuq din il-bażi kontra persuni oħrajn minbarra biss min joħroġ it-titoli li jistgħu jippermettu l-kumpens tal-azzjonisti.

70. Fit-tieni lok, żewġ azzjonijiet li għandhom effett ta' kumpens jistgħu jiġu eżerċitati mill-azzjonisti fil-kuntest tar-riżoluzzjoni bankarja fuq il-bażi tad-Direttiva 2014/59.

[28] Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-21 ta' Lulju 2016, Mamatas *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2016:0721JUD006306614, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[29] Ara s-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-10 ta' Lulju 2012, Grainger *et* vs Ir-Renju Unit, CE:ECHR:2012:0710DEC003494010, punti 39 u 42.

71. Minn naħa, huma jistgħu jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni stess b'applikazzjoni tal-Artikolu 85 ta' din id-direttiva. Fil-każ ta' annullament, madankollu, jista' jingħata biss kumpens għat-telf imġarrab bħala riżultat tad-deċiżjoni annullata. Tali azzjonijiet tassew tressqu u bħalissa jinsabu pendenti quddiem il-Qorti Ġenerali[30].

72. Min-naħa l-oħra, huma jistgħu jitolbu kumpens mill-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni[31], bis-saħħa tal-Artikolu 75 tal-imsemmija direttiva, jekk jidher li sofrew telf ikbar minn dak li kienu jsofru fi stralċ imwettqa fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza. F'dan il-każ, huma intitolati għall-ħlas tad-differenza.

73. Għalhekk, anki jekk l-azzjoni għad-danni kontra min joħroġ it-titoli jew is-suċċessur tiegħu ma hijiex possibbli fil-każ ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż, l-azzjonisti li l-azzjonijiet tagħhom ġew annullati fil-kuntest ta' riżoluzzjoni bankarja għandhom rimedji oħra sabiex jiksbu kumpens jew sanzjoni. Għalhekk huma ma jistgħux isostnu li ma hemm l-ebda rimedju ġudizzjarju effettiv.

*2. L-interpretazzjoni teleoloġika*

74. L-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni timmilita b'mod ċar favur il-projbizzjoni ta' tali azzjoni għad-danni.

75. Fil-fatt, l-għan tar-riżoluzzjoni bankarja huwa, ċertament, li jiġi evitat kollass tas-sistema finanzjarja, filwaqt li jiġu pprezervati l-fondi pubbliċi u d-depożiti, bid-differenza mill-mekkaniżmi użati sal-istabbiliment ta' din il-proċedura, permezz tal-użu ta' fondi li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet dovuti mill-banek.

76. Għalhekk, minn dan jirriżulta, minn naħa, li, inizjalment, il-fondi pubbliċi jistgħu jintużaw biss wara l-kontribuzzjoni tal-azzjonisti u ta' ċerti detenturi ta' strumenti ta' fondi proprji li jistgħu jiġu ddeprezzati. Imbagħad, kontribuzzjoni mill-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni hija possibbli jekk dawn l-azzjonisti u dawn id-detenturi ta' strumenti ta' fondi proprji jkunu kkontribwixxew għat-telf sa mill-inqas 8 % tat-total tal-passiv[32].

77. Bħala tfakkira, l-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni huma ffinanzjati mill-kontribuzzjonijiet mill-banek tal-Istat Membru kkonċernat[33]. Għalhekk din hija kwistjoni ta' mutwalizzazzjoni bejn il-banek tar-riskji ta' falliment ta' wieħed minnhom. Din il-mutwalizzazzjoni hija maħsuba sabiex tnaqqas il-perikolu morali[34] li kien jipprevali sal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni bankarja peress li l-istituzzjonijiet bankarji setgħu jistennew intervent sostanzjali mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jiġi evitat kontaġju tal-falliment eventwali tagħhom fuq il-bqija tas-sistema finanzjarja.

[30] Ara l-kawżi Fundación Tatiana Pérez de Guzmán el Bueno u SFL vs SRB (T-481/17); Del Valle Ruiz *et* vs Il-Kummissjoni u SRB (T-510/17); Eleveté Invest Group *et* vs Il-Kummissjoni u SRB (T-523/17); Algebris (UK) u Anchorage Capital Group vs Il-Kummissjoni (T-570/17), kif ukoll Aeris Invest vs Il-Kummissjoni u SRB (T-628/17).

[31] Ara l-Artikolu 101(1)(e) tad-Direttiva 2014/59.

[32] Ara l-Artikolu 44(5) u l-Artikolu 101(2) tad-Direttiva 2014/59.

[33] Ara l-Artikoli 100 *et seq.* tad-Direttiva 2014/59.

[34] Ara l-premessa 45 tad-Direttiva 2014/59.

78. Min-naħa l-oħra, dejjem bil-għan li jitnaqqas il-perikolu morali, din il-mutwalizzazzjoni tar-riskji bejn il-banek innifishom hija estiża sal-punt li jiġi previst li l-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni jikkumpensaw lill-azzjonisti jew lill-kredituri li kienu ttrattati agħar fil-kuntest tar-riżoluzzjoni milli fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza konvenzjonali[35].

79. Fil-fatt, bis-saħħa tal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59, kull azzjonist jew kreditur li jkun sofra telf ikbar milli fil-każ ta' rikors għal proċedura ta' insolvenza normali, stabbilit permezz ta' valutazzjoni li ssir sussegwentement għar-riżoluzzjoni[36], għandu dritt għall-ħlas tad-differenza mill-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni.

80. Għalhekk, din il-mutwalizzazzjoni doppja, ibbażata fuq il-prinċipji li l-azzjonisti huma l-ewwel li jġarrbu t-telf u l-obbligi dovuti biss jistgħu jagħtu lok għal ħlas fil-każ ta' rikapitalizzazzjoni interna jew deprezzament, turi sa liema punt is-sistema stabbilita ma hijiex kompatibbli mal-possibbiltà ta' azzjoni għad-danni bbażata fuq id-Direttiva 2003/71, li titressaq wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

81. Din l-azzjoni għad-danni tkun tammonta, fl-ewwel lok, sabiex min joħroġ it-titoli jew iċ-ċessjonarju, waħdu, jerfa' responsabbiltà mhux prevista mid-Direttiva 2014/59, minkejja li, meta responsabbiltà hija prevista, il-kumpens huwa sostnut mill-banek kollha li jikkontribwixxu għall-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni. Barra minn hekk, iċ-ċessjonarju, li kieku kellu jkun finanzjarjament responsabbli għall-konsegwenzi finanzjarji ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż, ikun affettwat b'mod iktar serju milli fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni[37] jew milli fil-każ fejn l-azzjonist ikun sofra telf ikbar milli fi proċedura ta' stralċ normali[38]. Dan iwassal sabiex il-konsegwenzi ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż tbatihom persuna li ma kkontribwixxietx għall-formulazzjoni tiegħu, fatt li jmur kontra l-ħsieb li jitnaqqas il-perikolu morali[39].

82. Fit-tieni lok, l-imsemmija azzjoni għad-danni tkun tammonta sabiex jitqiegħdu inkwistjoni l-bilanċi milħuqa fid-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi tal-valutazzjoni magħmula qabel din id-deċiżjoni u li tqis biss il-passiv dovut fil-karta tal-bilanċ u barra mill-karta tal-bilanċ[40]. Għalhekk, il-valutazzjoni li ddeterminat l-użu ta' strument ta' riżoluzzjoni partikolari u l-kundizzjonijiet għal dan l-użu ma tkunx iktar affidabbli biżżejjed sabiex tippermetti, pereżempju, lil akkwirent potenzjali jimpenja ruħu[41].

83. Fl-aħħar, huwa interessanti li jiġi nnotat, anki jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex adita bl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, li, fil-qasam ta' bejgħ ta' negozju, strument ta' riżoluzzjoni applikat f'dan il-każ, id-Direttiva 2014/59 tipprovdi wkoll għal mekkaniżmu intiż għall-protezzjoni taċ-ċessjonarju tal-istituzzjoni suġġetta għall-proċedura ta' riżoluzzjoni. Fil-fatt, l-Artikolu 38(13) ta' din id-direttiva jipprovdi li "l-azzjonisti jew il-kredituri tal-istituzzjoni taħt riżoluzzjoni u partijiet terzi oħra li l-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet tagħhom ma jiġux

35 Ara l-Artikolu 101(1)(e) tad-Direttiva 2014/59.

36 Ara l-Artikolu 74 tad-Direttiva 2014/59.

37 Ara l-punt 55 ta' dawn il-konklużjonijiet: huwa previst biss kumpens għat-telf imġarrab bħala riżultat tad-deċiżjoni annullata.

38 Ara l-punt 79 ta' dawn il-konklużjonijiet, dwar il-kumpens permezz tal-arranġamenti tal-finanzjament tar-riżoluzzjoni.

39 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott fil-kawża Banco de Portugal *et* (C-504/19, EU:C:2020:943, punt 68).

40 Ara l-Artikolu 36(6)(c) tad-Direttiva 2014/59.

41 Ara, pereżempju, ir-Rapport ta' Evalwazzjoni 2 imfassal mid-ditta tal-awdituri Deloitte, li l-annessi tiegħu mhux kunfidenzjali "Proġett Hippocrate – Xenarju ta' bejgħ ta' negozju" tas-6 ta' Ġunju 2017 isemmu, fil-paġni 34, 37 u 38, għalkemm ikkanċellati, l-inċertezza kbira relatata mar-rikorsi potenzjali relatati maż-żidiet fil-kapital passati. Dawn l-annessi huma aċċessibbli fuq is-sit internet tas-SRB fl-indirizz li ġej: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/Deloitte%20-%20Project%20Hippocrates%20Appendices.pdf.

ittrasferiti ma għandu jkollhom l-ebda drittijiet fuq jew fir-rigward tal-assi, id-drittijiet jew l-obbligazzjonijiet trasferiti". Ipotetikament, azzjonijiet annullati ma jiġux ittrasferiti u d-detenturi preċedenti tagħhom ma jistax ikollhom drittijiet fuq l-attiv ittrasferit.

84. Għalhekk, kemm jekk waqt rikapitalizzazzjoni interna jew inkella deprezzament totali, il-possibbiltajiet li jinkiseb kumpens huma mnaqqsa għal żewġ każijiet: il-persuna hija d-detentur ta' obbligu diġà dovut jew sofriet telf minħabba l-annullament ta' deċiżjoni ta' riżoluzzjoni. Fir-rigward tal-ipoteżi ta' bejgħ ta' negozju, id-Direttiva 2014/59 ma tippermettix li azzjonist li l-azzjonijiet tiegħu jkunu ġew annullati jinvoka drittijiet fuq l-attiv ittrasferit fil-konfront taċ-ċessjonarju.

85. Bħala konklużjoni, jidher li kemm l-interpretazzjoni letterali kif ukoll l-interpretazzjoni teleoloġika tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jwasslu għall-istess risposta affermattiva għall-ewwel domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju: azzjonist ma jistax iressaq azzjoni għad-danni bbażata fuq l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71 wara deċiżjoni ta' riżoluzzjoni li ddeċidiet fuq ir-rikapitalizzazzjoni interna permezz ta' deprezzament totali u annullament tal-azzjonijiet, segwita minn bejgħ ta' negozju.

86. Għaldaqstant, l-Artikolu 34(1)(a), l-Artikolu 53(1) u (3) u l-Artikolu 60(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, l-azzjonijiet kollha inklużi fil-kapital azzjonarju jkunu ġew iddeprezzati, dawn jipprekludu li l-persuni li kienu akkwistaw azzjonijiet ftit xhur qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, fl-okkażjoni ta' żieda fil-kapital b'offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni, jistgħu, wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, iressqu kontra l-istituzzjoni tal-ħruġ jew l-istituzzjoni li tirriżulta minn amalgamazzjoni suċċessiva permezz ta' akkwist, azzjonijiet għal kumpens jew azzjonijiet li għandhom effett ekwivalenti bbażati fuq l-informazzjoni ineżatta pprovduta mill-prospett tal-ħruġ.

### *B. Fuq it-tieni domanda*

87. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tivverifika jekk l-Artikolu 34(1)(a), l-Artikolu 53(3) u l-Artikolu 60(2)(b) tad-Direttiva 2014/59 għandhomx ikunu interpretati fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, l-azzjonijiet kollha inklużi fil-kapital azzjonarju jkunu ġew iddeprezzati, dawn jipprekludu li obbligi ta' ħlas lura tal-kontrovalur tal-azzjonijiet sottoskritti kif ukoll ta' ħlas ta' interessi jiġu imposti ġudizzjarjament fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ jew fuq l-entità li tkun issuċċediet ha b'titolu universali, wara d-dikjarazzjoni tan-nullità, b'effett retroattiv, tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni tal-azzjonijiet, bis-saħħa ta' azzjonijiet imressqa wara r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni.

88. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Spanjol, sostnuti mill-maġġoranza tal-ġurisprudenza fi Spanja, isostnu li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Hirmann [42], tista' tiġi estiża għas-sitwazzjoni preżenti.

[42] C-174/12, EU:C:2013:856.

89. Fil-fatt, f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 12, 15, 16, 18, 19 u 42 tat-Tieni Direttiva 77/91 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttivi 2003/71, 2004/109/KE [43] u 2003/6/KE [44], minn naħa, tipprovdi għar-responsabbiltà ta' kumpannija pubblika ta' responsabbiltà limitata, bħala kumpannija tal-ħruġ, fir-rigward ta' akkwirent ta' azzjonijiet tal-istess kumpannija, fuq il-bażi ta' ksur tal-obbligi ta' informazzjoni previsti minn dawn l-aħħar direttivi, u, min-naħa l-oħra, timponi, minħabba din ir-responsabbiltà, l-obbligu tal-kumpannija kkonċernata li tirrimborsa lill-akkwirent l-ammont li jikkorrispondi għall-prezz tal-akkwist tal-azzjonijiet u li teħodhom lura [45].

90. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja vvalidat, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni li jitħalla lill-Istati Membri mill-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71, mekkaniżmu ta' responsabbiltà li jirriżulta fir-rimbors tal-azzjonijiet bil-prezz tal-akkwist tagħhom u fit-teħid lura tagħhom mill-kumpannija tal-ħruġ.

91. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u l-Gvern Spanjol jiddeduċu minn dan li azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità għandha tiġi vvalidata bl-istess mod peress li l-effetti (rimbors bil-prezz ta' akkwist u teħid lura mill-kumpannija) huma identiċi għal dawk ammessi mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Hirmann [46].

92. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jżidu jgħidu li l-Kodiċi Ċivili jippermetti azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità, minkejja li l-oġġett ikun intilef minħabba l-kokontraent. Skonthom, peress li dawn l-effetti huma, barra minn hekk, retroattivi, l-istatus ta' azzjonist tad-detenturi jitqies li qatt ma eżista, u b'hekk l-effetti tad-deprezzament totali u tar-rikapitalizzazzjoni interna ma jistgħux jiġu infurzati kontra dawn il-persuni.

93. Dan ir-raġunament ma jistax jiġi segwit għar-raġunijiet li ġejjin.

94. L-ewwel, rikorrent għandu *locus standi* sabiex iressaq azzjoni għal dikjarazzjoni ta' nullità biss jekk ikun għadu marbut bil-kuntratt meta jressaq l-azzjoni tiegħu. B'hekk, bħal fil-każ ta' azzjoni għad-danni, l-azzjonist li l-azzjonijiet tiegħu jkunu ġew iddeprezzati u annullati ma jistax iktar iressaq azzjoni legali, għaliex, wara r-riżoluzzjoni, huwa jitlef l-istatus tiegħu ta' azzjonist. Huwa ma jistax jinvoka l-effett retroattiv tad-dikjarazzjoni ta' nullità, li jieħu effett fi tmiem il-proċedura ġudizzjarja, sabiex jirrimedja għan-nuqqas ta' status ta' azzjonist fil-mument li din tinbeda. Minn dan ma jistax jiġi dedott li, fid-data tar-riżoluzzjoni, l-obbligu tiegħu huwa dovut, retroattivament, fis-sens tal-Artikolu 53(3) u l-Artikolu 60(2)(b) tad-Direttiva 2014/59.

95. It-tieni, jekk l-istatus ta' azzjonist ma kienx għadu jeżisti fil-jum tar-riżoluzzjoni minħabba l-effett retroattiv tan-nullità ddikjarata, hija l-valutazzjoni kollha li fuqha hija bbażata d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni li titqiegħed inkwistjoni peress li l-kompożizzjoni tal-kapital hija parti mit-tagħrif oġġettiv ta' din il-valutazzjoni. Għaldaqstant jinġiebu fix-xejn il-proċedura ta' riżoluzzjoni nnifisha kif ukoll l-għanijiet segwiti mid-Direttiva 2014/59. Sabiex infakkar, il-kumpens tal-azzjonisti ma huwiex wieħed mill-għanijiet ta' dan it-test: għall-kuntrarju, huma għandhom ikunu tal-ewwel li jġarrbu t-telf.

[43] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU 2004, L 390, p. 38).

[44] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar insider dealing u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 367).

[45] Ara s-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Hirmann (C-174/12, EU:C:2013:856, punt 45 u d-dispożittiv).

[46] C-174/12, EU:C:2013:856.

96. It-tielet, il-mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni bankarja jikkostitwixxi liġi speċjali fir-rigward tad-Direttiva 2003/71 u tad-direttivi dwar id-dritt tal-kumpanniji[47]. Fil-fatt, dan jikkonċerna biss lill-istituzzjonijiet bankarji li jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji kbar u mhux lill-kumpanniji b'responsabbiltà limitata kollha. Barra minn hekk, kif ifakkar l-Gvern Taljan, id-Direttiva 2014/59 ġiet adottata qabel il-pubblikazzjoni tal-prospett kontenzjuż: ir-riskju ta' deprezzament kien għalhekk magħruf mill-akkwirenti, hekk bħar-riskju ta' telf marbut ma' dan it-tip ta' investiment. Għaldaqstant, ġurisprudenza bbażata fuq dawn it-testi biss ta' dritt sekondarju relatati mad-dritt tal-kumpanniji u mad-dritt tas-swieq finanzjarji ma tistax tikkomprometti l-għanijiet segwiti mir-riżoluzzjoni.

97. Ir-raba', distinzjoni bejn l-azzjonisti li akkwistaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-bażi ta' prospett żbaljat jew mhux preċiż li għalhekk ikunu intitolati għal kumpens u l-azzjonisti l-oħra li l-azzjonijiet tagħhom ġew annullati twassal għall-ħolqien ta' differenza sinjifikattiva fit-trattament bejniethom mingħajr ma dan ma jista' jiġi ġġustifikat minn interess pubbliku[48], filwaqt li jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-protezzjoni tal-investituri ma setgħetx fiċ-ċirkustanzi kollha tieħu preċedenza fuq l-interess ġenerali li jikkonsisti fil-garanzija tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja[49].

98. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, ir-risposta għat-tieni domanda preliminari tista' tkun biss fl-affermattiv, jiġifieri li l-mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni li jinvolvu rikapitalizzazzjoni, deprezzament totali u bejgħ ta' negozju jipprekludu azzjoni għad-dikjarazzjoni tan-nullità tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni ta' azzjonijiet, wara d-data tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni.

99. Għaldaqstant, l-Artikolu 34(1)(a), l-Artikolu 53(3) u l-Artikolu 60(2)(b) tad-Direttiva 2014/59 għandhom ikunu interpretati fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, l-azzjonijiet kollha inklużi fil-kapital azzjonarju jkunu ġew iddeprezzati, dawn jipprekludu li obbligi ta' ħlas lura tal-kontrovalur tal-azzjonijiet sottoskritti kif ukoll ta' ħlas ta' interessi jiġu imposti ġudizzjarjament fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ jew fuq l-entità li tkun issuċċedietha b'titolu universali, wara d-dikjarazzjoni tan-nullità, b'effett retroattiv, tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni tal-azzjonijiet, bis-saħħa ta' azzjonijiet imressqa wara r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni.

## *C. Osservazzjonijiet addizzjonali*

100. Għalkemm, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja hija adita biss bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/71 dwar il-prospett, hemm dispożizzjonijiet oħra dwar it-trasparenza finanzjarja li għalihom l-Istati Membri għandhom jipprovdu mekkaniżmu ta' responsabbiltà.

101. Għalhekk, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/109 jipprevedi obbligu għall-Istati Membri, simili għal dak tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/71, li jipprevedu azzjoni għad-danni.

102. Fil-fehma tiegħi, azzjoni għad-danni fuq din il-bażi tal-aħħar lanqas ma għandha tkun possibbli, fil-każ ta' riżoluzzjoni mwettqa fl-istess kundizzjonijiet bħal f'dan il-każ.

47 B'mod partikolari, it-Tieni Direttiva 77/91, kif ukoll id-Direttivi 2012/30 u 2017/1132, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 21 ta' dawn il-konklużjonijiet.

48 Ara l-Artikolu 34(1)(f), kif ukoll il-premessi 13 u 47 tad-Direttiva 2014/59.

49 Ara l-punti 47 u 48 ta' dawn il-konklużjonijiet.

103. Iżda, b'mod ġenerali, din il-kawża ma tippermettix li mmorru iktar 'il bogħod billi nasserixxu li l-unika azzjoni ta' kumpens possibbli, tkun xi tkun il-bażi tagħha, wara rikapitalizzazzjoni interna li tinvolvi deprezzament totali tat-titoli inkwistjoni hija dik prevista mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59, ħlief fil-każijiet ta' annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni?

104. Fil-fatt, il-prinċipju li kreditur ma jistax jiġi ttrattat agħar milli fil-każ ta' stralċ ma għandux jiġi interpretat fis-sens li dan jippermetti l-istess azzjonijiet kontenzjużi bħal dawk possibbli fil-każ ta' stralċ fil-kuntest ta' proċedura normali ta' insolvenza.

105. It-test tal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59 huwa ċar: dan jiggarantixxi biss il-ħlas tad-differenza bejn it-telf imġarrab fil-kuntest tar-riżoluzzjoni u dak li kien ikun imġarrab fil-kuntest ta' stralċ normali.

106. Din l-interpretazzjoni ma tistax tkun opposta b'dik li tirriżulta mir-rapport ta' evalwazzjoni mfassal minn Deloitte fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' riżoluzzjoni li jindika li l-kumpens minħabba prospett żbaljat jew mhux preċiż huwa possibbli kemm fl-istralċ kif ukoll fir-riżoluzzjoni [50]. Fil-fatt, l-interpretazzjoni tat-testi tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni fir-rigward tal-possibbiltà jew le li titressaq azzjoni fuq il-bażi ta' prospett żbaljat wara deċiżjoni ta' riżoluzzjoni taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja.

107. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' rimedju proċedurali ma tippermettix li jiġi ggarantit li d-deċiżjoni favorevoli eventwali tista' effettivament tiġi eżegwita kontra l-istituzzjoni stralċjata.

108. B'hekk, din l-interpretazzjoni tal-imsemmi Artikolu 75 tippermetti, biss, li jiġu kkomparati effetti verament komparabbli, jiġifieri t-telf imġarrab, u mhux is-sempliċi eżistenza ta' rimedji kontenzjużi mingħajr ma jiġi vverifikat l-effett kumpensatorju reali tagħhom.

109. Għall-kuntrarju, jekk, fil-kuntest ta' stralċ normali, deċiżjoni li tirriżulta minn azzjoni għad-danni jew għal dikjarazzjoni ta' nullità setgħet realment tiġi eżegwita favur l-azzjonist leż, dan tal-aħħar ikun jista' jiġi kkumpensat għad-differenza mat-telf mġarrab fil-kuntest tal-proċedura ta' riżoluzzjoni.

110. Il-fatt li din il-miżura ta' salvagwardja ssir l-uniku mezz ta' kumpens wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni jippermetti li jiġi żgurat li l-għanijiet tar-riżoluzzjoni bankarja jiġu osservati. Fosthom, minn naħa, il-mutwalizzazzjoni tar-riskji bejn il-banek tkun iggarantita, għaliex dan il-kumpens ikun jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-komunità bankarja suġġetta għal kontribuzzjonijiet [51] u, min-naħa l-oħra, il-prevedibbiltà tal-valutazzjoni qabel id-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni tiġi żgurata, fatt li jippermetti li tittieħed l-iktar deċiżjoni ta' riżoluzzjoni adatta għas-sitwazzjoni.

111. Bħala tfakkira, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, adita b'kawża simili ta' annullament ta' azzjonijiet wara r-ristrutturazzjoni ta' bank b'deċiżjoni tal-gvern, ċertament ikkonstatat ksur tad-dritt għal rimedju effettiv protett mill-Artikolu 6(1) tal Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [52]. Madankollu, dan il-ksur kien iġġustifikat mill-fatt li l-azzjonisti ma setgħux jikkontestaw quddiem qorti

50 Ara r-Rapport ta' Evalwazzjoni 3 dwar l-evalwazzjoni tad-differenza fit-trattament, disponibbli fuq is-sit internet tas-SRB fl-indirizz li ġej: https://www.srb.europa.eu/system/files/media/document/2018-08-06%20Annex%20I%20-%20Valuation%203%20Report%20EN.pdf (p. 68).

51 Ara l-punti 69 u 70 ta' dawn il-konklużjonijiet.

52 Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

l-evalwazzjoni tal-istat ta' insolvenza tal-bank, li kien iġġustifika l-miżura ta' ristrutturazzjoni. Għall-kuntrarju, kieku din l-evalwazzjoni setgħet issir minn qorti, il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 6(1) kienu jkunu ssodisfatti [53].

112. Issa, id-Direttiva 2014/59 tipprevedi b'mod espliċitu l-eżistenza ta' dritt ta' appell minn kull deċiżjoni ta' adozzjoni ta' miżura ta' riżoluzzjoni, kif ukoll id-dmir tal-qorti adita li tibbaża l-evalwazzjoni tagħha stess fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi tal-fatti mwettqa mill-awtorità ta' riżoluzzjoni, filwaqt li tivverifika l-eżattezza materjali, l-affidabbiltà u l-koerenza tal-provi invokati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni [54].

113. Kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha taċċetta li ssegwi dan ir-raġunament, billi tippermetti biss, bħala l-unika possibbiltà ta' kumpens mibdija wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, ħlief fil-każ tal-annullament tad-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, dik prevista mill-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59, hija tibqa' fil-limiti previsti mill-Artikoli 47 u 52 tal-Karta.

## V. Konklużjoni

114. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Audiencia Provincial de A Coruña (il-Qorti Provinċjali ta' A Coruña, Spanja) bil-mod li ġej:

L-Artikolu 34(1)(a), l-Artikolu 53(1) u (3) u l-Artikolu 60(2)(b) u (c) tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta, fil-kuntest ta' proċedura ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja, l-azzjonijiet kollha inklużi fil-kapital azzjonarju jkunu ġew iddeprezzati, dawn jipprekludu, minn naħa, li l-persuni li kienu akkwistaw azzjonijiet ftit xhur qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' riżoluzzjoni, fl-okkażjoni ta' żieda fil-kapital b'offerta pubblika ta' sottoskrizzjoni, jistgħu, wara d-deċiżjoni ta' riżoluzzjoni, iressqu kontra l-istituzzjoni tal-ħruġ jew l-istituzzjoni li tirriżulta minn amalgamazzjoni suċċessiva permezz ta' akkwist, azzjonijiet għal kumpens jew azzjonijiet li għandhom effett ekwivalenti bbażati fuq l-informazzjoni ineżatta pprovduta mill-prospett tal-ħruġ u, min-naħa l-oħra, li obbligi ta' ħlas lura tal-kontrovalur tal-azzjonijiet sottoskritti kif ukoll ta' ħlas ta' interessi jiġu imposti ġudizzjarjament fuq l-istituzzjoni tal-ħruġ jew fuq l-entità li tkun issuċċedietha b'titolu universali, wara d-dikjarazzjoni tan-nullità, b'effett retroattiv, tal-kuntratt ta' sottoskrizzjoni tal-azzjonijiet, bis-saħħa ta' azzjonijiet imressqa wara r-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni.

53 Ara s-sentenza tal-QEDB tad-19 ta' Novembru 2020, Project-Trade d.o.o. vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2020:1119JUD000192014, punt 67.

54 Ara l-Artikolu 85(3) u l-premessa 89 tad-Direttiva 2014/59.